KUNSILL LOKALI
**M O S T A**
LOCAL COUNCIL

7/4

**Ir-raba (4) laqgħa tal-Kunsill Lokali Mosta li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv, nhar it-Tlieta 26 ta' Mejju, 2015 fis-7.30 ta' filgħaxija.**

| | | | |
|---|---|---|---|
| **Preżenti:** | Is-Sur Edwin Vassallo | - | Sindku |
| | Is-Sur Ivan Bartolo | - | Viċi Sindku |
| | Is-Sur Alexander Muscat | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Keith Cassar | - | Kunsillier |
| | Dott. Rachel Tua | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Gianluca Busuttil | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Mario Sammut | - | Kunsillier |
| | Dott Angele Rapa | - | Kunsillier |
| | Dott. Karl Tanti | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Mark Micallef | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Michael Mifsud | - | Aġent Segretarju Eżekuttiv |

| | | | |
|---|---|---|---|
| **Skużati:** | Is-Sur James Cassar | - | Kunsilier |
| | Is-Sur Joseph Gatt | - | Kunsillier |
| | Is-Sa Maria Pia Bonnici | - | Kunsillier |

**Aġenda:**

1. Talba
2. Qari w Approvazzjoni tal-minuti
3. Responsabilitajiet
4. Punti imqajjma mill-minuti
5. Proċess ta' Ħatra tas-Segretarju
6. Proposti ta' Ħidma
7. Korrispondenza
8. Kommunikazzjoni mis-Sindku
9. Aġġornament

Il-laqgħa bdiet fis-7.45 ta' filgħaxija.

**1. Talba**

Is-sindku qal it-talba.

**2. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti**

Il-minuti r-raba (4) tal-Laqgħa li saret l-Erbgħa 13 ta' Mejju 2015 ġew approvati b'mod unanimament.

**3. Responsabilitajiet**

Is-Sindku enfasizza sabiex jibdew l-laqgħat flimkien mas-sottokumitati. Huwa nforma lill-membri li l-membri għandhom jinformaw lill-kunsill bl-ismijiet tan-nies tas-sottokumitat rispettivi.

**4. Punti imqajjma mill-minuti**

Is-Sindku nforma lill-membri dwar il-laqgħa fuq is-*Shooting Range*, Huwa qal li l-Kunsill ser ikun disponibbli sabiex il-Ħamis 28 ta' Mejju 2015 issir din il-laqgħa. Is-Sindku kompla billi qal li l-Kunsill huwa lest li jisma' liż-żewġ partijiet jiġifieri kemm l-iżviluppaturi kif ukoll lil min qiegħed joġġezzjona.

Is-Sindku ppropona sabiex il-Kunsill jiltaqa' mal-iżviluppaturi sabiex b'hekk ikun jista' jsir meeting sussegwentement wara l-laqgħa tal-Ħamis. Is-Sindku qal li s'issa l-Gvern għadu ma tax deċiżżoni u m'hemm l-ebda kuntratt. Huwa kompla billi qal li f'dan l-istadju l-importanti hu li aħna bħala Kunsill l-ewwel nisimgħu u naraw l-preokupazzjoni tar-resident.

Is-Sur Alex Muscat ssuġerixxa li għandha ssir laqgħa waħda fejn iż-żewġ partijiet jitkellmu minħabba l-fatt li bħalissa spekulazzjoni biss hemm. Is-Sur Muscat qal li għar-residenti huwa ferm aħjar għaliex l-ewwel m'għandu jsir hu li jitkellem l-iżviluppatur qabel ma jkun hemm l-oġġeżżjonijiet minħabba l-fatt li l-iżviluppaturi jridu jfehmu kemm lina bħala Kunsill u lir-residenti fuq dan il-pjan tas-shooting range.

Is-Sindku qal li hu tal-fehma li ma ssirx laqgħa bejn iż-żewġ partijiet ikunu flimkien fil-panel minħabba xi diżgwid li jista jkun hemm.

Is-Sindku qal li qabel il-laqgħa tal-Ħamis 28 ta' Mejju ser jagħmel laqgħa mas-Sur Petroni u s-Sur Edwin Vella biex jispjega dan.

Il-membru qablu unanimament li l-ewwel issir il-laqgħa tal-Ħamis u aktar tard,f'ġurnata oħra, issir laqgħa mill-iżvillupaturi.

**5. Proċess ta' Ħatra tas-Segretarju**

Dan l-item ser jitħalla għal darb'oħra.

**6. Proposti ta Ħidma**

i. Proposta Nru 2 -Xiri ta 7 bankijiet għal Pjazza Rotunda .
**Il-membri qablu unanimament.**

ii. Fuq Proposta Nru 3 - Jjinbena ċint jew ħajt ta' erba filati fiż-żona taż-Żokrija.
**Il-Kunsill ippropona li nitkellmu ma TM** u qablu unanimament

iii. Fuq Manutenzjoni ta' Spralli fi Triq il-Kurat Calleja
**Il-membri qablu unanimament.**

iv. Fuq Manutenzjoni tad-Dwal ta' Ġnien Reggie Cilia
**Il-membri qablu unanimament.**

v. Fuq Manutenzjoni fl-Ispazju miftuħ fi Triq il-Battaljun
**Il-membri qablu li għandhom jinġiebu stimi.**

vi. Fuq Attivita – Lejla Agrarja fil-Bidnija
**Il-membri qablu li għandhom jinġiebu stimi.**

vii. Fuq Komunikazzjoni –Paġna ġdida ta' Facebook
**Il-membri qablu unanimament.**

**7. Korrispondenza**

Korrispondenza Nru 1 – Ittra mingħand Elaine Saliba – Citadel fuq Insurancies Policies Il-Kunsill qabel li din il-korrispondenza tgħaddi lill-Kunsilliera.

**Il-membri qablu unanimament.**

Korrispondenza Nru 2 – Email mingħand James Cassar rigward il-kaxxi tal-kartun.

**Il-membri qablu unanimament.**

Korrispondenza Nru 3 – Kwotazzjonijiet rigward xiri ta printer - Il-Kunsill approva li tinxtara il-printer .

**Il-membri qablu unanimament.**

**8. Kommunikazzjoni mis-Sindku**

Is-Sindku nforma lill-membri li saret il-laqgħa ma Transport Malta fejn preżenti kien hemm is-Sur Alex Muscat, is-Sur Mark Micallef u l-Aġent Segretarju. Is-Sinku kompla billi qal li kien hemm koperazzjoni sħiħa minn naħa ta' Transport Malta. Ic-CEO tat TM, is-Sur James Piscopo fehem il-problemi tal-istat tat-Triq Difiża Ċivili u Triq il-Kungress Ewkaristiku fejn dawn l-imsemmija toroq ser isiru fl-aqsar żmien possibbli.

Is-Sindku qal li ġie deċiż ukoll li l-bankina tat-Triq ir-Rebbiegħa u Triq il-Markiż Mallia Tabone ser issir ukoll minn Transport Malta.

Is-Sindku nforma lill-membri li fil-ġimgħat li ġejjin ser issir laqgħa dwar Triq Ġorġ Mitrovich mal-FTS,(Foundation for Tomorrow Schools) biex l-imsemmija triq issir min naħa tagħhom.

Pubblikament is-Sindku rringrazzja CEO tat-TM u lis-Sur Alex Muscat.

Is-Sur Mario Sammut nforma lis-Sindku sabiex ir-reserved parking tal-Kunsill li hawn fil-Pjazza Rotunda fil-weekend ikun jista jintuża għan-nies bi bżonnijiet speċjali. Hu kompla billi qal li latrina tintuża minn nies bi bżonnijiet speċjali għandha bżonn refurbishing.

Is-Sindku u l-membri tal-Kunsill qablu unanimament.

**9. Aġġornament**

Il-laqgħa ġiet aġġornata għal-nhar **Tnejn 15 ta' Ġunju 2015 fis-7.30 p.m.**

Laqgħa spiċċat fl-10.30 ta filgħaxija.

| | |
|---|---|
| Edwin Vassallo | Michael Mifsud |
| Sindku | Aġent Segretarju Eżekuttiv |

Ikkonfermati llum:

**Centru Civiku, Triq il-Kostituzzjoni, Mosta, MST 9059 - Malta**
**Tel: 2141 6841 Fax: 2141 0245**
**E-Mail: mosta.lc@gov.mt**